

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – BS (\*) vs Il-Parlament****(Kawża T-593/18)**

(2018/C 427/130)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: BS (\*) (rappreżentanti: M. Maes u J.-N. Louis, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralu jogħġobha:

Tiddikjara u tiddeċiedi illi,

- l-avviż ta' modifika Nru 15 tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent, tal-10 ta' Awwissu 2017, huwa annullat;
- sa fejn hemm bżonn, id-deċiżjoni sabiex jinbeda l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament li jammontaw għal EUR 1 589,16 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2017, u għal EUR 4 815,16 kif jidher fir-rendikont tal-pensjoni ta' Diċembru 2017 hija annullata;
- il-Parlament huwa ikkundannat għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea peress li id-deċiżjonijiet kkontestati huma vvizjati bi żball manifest ta' evalwazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba (Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) billi l-konvenut ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu u ma rrispettax id-dritt għal smigħ u d-dritt ta'ċċess għall-fajl illi għandu r-rikorrent.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2018 – Hermann Albers vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-597/18)**

(2018/C 427/131)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrent: Hermann Albers e.K. (Neubörger, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Roling, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralu jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

(\*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunkfidenzjalitā.

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors preżenti, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4385 finali tat-12 ta' Lulju 2018, dwar l-ilment tiegħu ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 7a tan-Niedersächsisches Nahverkehrsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Lokali ta' Niedersachsen, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem in-“NNVG”) (Każ SA. 46697 [2017/NN]) (ĠU 2018, C 292, p. 1).

Ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbaż fuq il-fatt li l-Artikolu 7a tan-NNVG jikkostitwixxi, kuntrarjament għall-fehma tal-Kummissjoni, għajnuna ġidha suġġetta għall-obbligu ta' notifika.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2018 – Grupo textil brownie vs EUIPO – The Guide Association (BROWNIE)

(Kawża T-598/18)

(2018/C 427/132)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Grupo textil brownie, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: D. Pellisé Urquiza u J. C. Quero Navarro, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The Guide Association (Londra, ir-Renju Unit)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 016 844

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 2680/2017-2

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001.
-